MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 738/2003

Kawza fil-lista:  28

**A B f' isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri C u D, ahwa B**
**vs**
**E B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-kontendenti izzewwgu fit-tletin ta' Novembru, elf disa mija u wiehed u disghin, (30.11.1991) fir-Registru taz-Zwigijiet l-Belt Valletta (Dok A) u l-partijiet llum ghandhom zewg ulied, C u D ahwa B li llum ghandhom tnax (12) –il sena u ghaxar (10) snin rispettivament (Dok. B u C);

Premess illi l-konvenut irrenda ruhu hati fil-konfront ta' l-attrici martu u tal-qraba taghha, inkluz ulied il-partijiet fuq imsemmija, ta' eccessi, minacci, sevizzi u ingurji gravi b' mod li rrenda impossibli l-hajja konjugali bejniethom;

Premess illi inoltre l-konvenut irrenda ruhu ta' adulterju fil-konfront ta' l-attrici martu;

Premess illi l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet hija impossibli minhabba inkompatibilta' ta' karattru bejn il-kontendenti;

Premess illi l-kontendenti gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali ad mesa et thoro, skond digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, digriet numru 1881/2002 hawn anness u mmarkat bhala Dok. D;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali ad mensa et thoro bejn il-partijiet minhabba eccessi, sevizzi, minacci u ingurji gravi li l-imsemmi E B ikkommetta kontra martu u l-qraba taghha u/jew minhabba adulterju kommess mill-imsemmi E B u/jew minhabba inkompatibilita' ta' karattru bejn il-kontendenti;

2. Tafda l-kura u l-kustodja ta' uliedhom minuri C u D ahwa B f' idejn l-attrici ommhom fl-ahjar interess ta' l-istess minuri;

3. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici, ghaliha u ghal uliedhom minuri C u D ahwa B dak il-manteniment li joghgobha tiffissa din il-Qorti skond il-bzonnijiet ta' l-attrici u l-minuri u l-mezzi ta' zewgha, liema manteniment ghandu, kull meta l-konvenut ikun fl-imjieg, jithallas direttament lill-attrici mill-employer tal-konvenut minn zmein ghal zmien wara li jitnaqqas mis-salarju tal-konvenut;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti;

5. Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f' zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali b' tali mod li, jekk ikun il-kaz, il-konvenut jitlef kull jedd li ghandu ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila ta' l-attrici u dan minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenut ta' lok li ssir din is-separazzjoni;

6. Tassenja z-zewg porzjonijiet, wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma, u nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk quddiem is-Sekond' Awla, kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Preliminarjament, illi huwa ta' nazzjonalita' Ingliza u ghalhekk ic-citazzjoni kellha tigi notifikata lilu bil-lingwa Ingliza u huwa qed jinsisti li l-atti jkunu bil-lingwa Ingliza sabiex ikun jista' jaqra u jifhem dak li jkun hemm fihom. Inoltre, il-proceduri ghandhom jitmexxew bl-Ingliz.

2. Preliminarjament, illi huwa ghadu kemm gie notifikar bic-citazzjoni fl-ahhar ta' Settembru 2004 jew il-bidu ta' Ottubru 2004 u ghalhekk il-proceduri li saru s' issa huma nulli peress li n-notifika lilu hija krucjali ghall-validita' tal-proceduri.

3. Fil-meritu, it-tkissir taz-zwieg kien konsegwenza ta' (a) xorb eccessiv da parti ta' l-esponent, u (b) loghob bla razan da parti ta' l-attrici (madwar Lm60 kuljum fuq gambling machines fil-bars li kienet tiffrekwenta), u mhux konsegwenza ta' l-ewwel biss kif qed tallega l-attrici.

4. Illi l-attrici kienet tispicca mix-xoghol fis-7p.m. izda tirritorna d-dar bejn id09.00 u l-10.00 p.m. u l-eccipjent kien jircievi telefonati li martu kienet qed tiehu pjacir ma' irgiel ohra, inkluz fis-sess, b' diskors bhal 'When I finish f…. your wife,I'll send her home.'

5. Illi l-eccipjent ipprova jaghmel Alcohol Rehabilitation Programme stabbilit minn Sedqa u anke tkellem lill-Psikologu Charles Azzopardi u kien imur jarah regolarment biex jipprova jehles mill-vizzju tax-xorb. Izda dan kollu ma setax jahdem sewwa fuqu ghaliex id-dar l-attrici kienet u baqghet tidghi u titkellem hazin quddiem it-tfal. Issa l-eccipjent huwa mghejjun minn Manuel Mangani tas-Sedqa.

6. Illi l-attrici gabet ruhha hazin hafna. Meta t-tifel taghhom it-tnejn, D, kien qed ibati minn 'suspected appendicitis', l-attrici damet ma informat lill-eccipjent ghal hmistax-il siegha! L-attrici ma apprezzatx il-fatt illi lil C huwa jhobbha bhala bintu avolja mhijix.

7. Illi s-separazzjoni personali ghandha tinghata la darba z-zwieg tkisser irrimedjabilment, izda l-eccipjent jikkontesta l-akkuza li z-zwieg tkisser unikament minhabba l-agir tieghu meta t-tnejn kienu responsabbli, kif intqal fuq. Barra minn hekk, Anna Busuttil dahlet fix-xena tard hafna.

8. Illi l-eccipjent irid li l-kura u kustodja tinghata lill-attrici fl-interess ta' l-ulied u, biex jevita li t-tfal jigu persekwitati b' hafna mistoqsijiet mill-attrici u biex huma ma jitilfux is-serenita' taghhom minhabba f' hekk, huwa qieghed ghalissa jirrinunzja ghad-dritt ta' access, sakemm jikbru u jibdew jahsbu b' mohhhom. It-tfal gia' ghandhom 'social workers' biex jassistuhom.

9. Illi l-eccipjent irid ihallas manteniment ghaz-zewgt itfal sabiex tghin lit-trobbija u l-ghixien taghhom, u dan bil-mezzi limitati li ghandu.

10. Illi rigward il-komunjoni ta' l-akkwisti, l-eccipjent mhuwiex interessat fl-oggetti li ghandha fil-pussess taghha martu, sabiex ikunu jistghu jgawduhom uliedhom.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat ir-relazzjoni tal-perit gudizzjarju l-Avukatessa Dottor Tanya Sammut Catania minnha debitament mahlufa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni Personali**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut fit-termini ta' l-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16. Minn naha tieghu l-konvenut jeccepixxi li l-htija tal-firda hija wkoll ta' l-attrici minhabba loghob bla razan u anke adulterju da parti taghha.

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewwgu fil-30 ta' Novembru 1991 wara li kienet diga' twieldet il-minuri C fit-3 ta' April 1991, u sussegwentement kellhom it-tifel D fil-15 ta' Settembru 1993.

Illi l-Qorti, wara li ezaminat il-provi akkwisiti, tikkondividi l-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali fir-rapport taghha, u taddotta l-kontenut tar-rapport fl-intier tieghu.

Illi mill-provi sufficjentement korroborati u mhux kon tradetti, jirrizulta li,matul il-konvivenza matrimonjali, il-konvenut irrenda ruhu hati fil-konfront ta' martu ta' atti ta' vjolenza fisika u morali, abitwali u ripetuti, liema atti ghandhom *'un carattere di gravita' che stabiliscono un sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabile l'*

*abitazione e la vite comune'[Vol.VIII.877]*. Il-gravita' tal-komportament abusiv da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu jassumi proporzjonijet akbar in vista tal-fatt li l-ulied minuri kienu okkazjonalment ikunu xhieda okulari ta' din il-vjolenza ezercitata fuq ommhom, liema vjolenza gieghli anke estendiet direttament fuq it-tfal stess.

Di fatti, kif xehedet il-Psikologa Dottoressa Roberta Attard, din il-vjolenza tant affettwat lil minuri C li din "kienet tilfet xaghrha kompletament li wara kkonstatajt li kienet konsegwenza ta' ansjeta' kbira". L-istess psikologa tghid li wara tlett xhur li t-tifla bdiet is-sessjonijiet maghha, hi "bdiet tinsisti  li ma tridx tmur ghall-access, u in fatti xagharha rega' beda tiela' meta l-access ta' missierha waqaf kompletament."[Fol.78]. Illi l-komportament abusiv da parti tal-konvenut, halla effett psikologiku negattiv nanke fuq il-minuri D, tant li l-Psikoterapista Malcolm Tortell fix-xhieda tieghu jirrakkomanda li jekk it-tifel ma jridx jara lil missieru ma jkunx rakkomandabbli li jarah.

Illi din il-vjolenza ghandha r-raguni principali taghha fil-fatt li l-konvenut kellu l-vizzju tax-xorb, izda jidher ukoll li l-aggressivita' tieghu hija wkoll parti mill-karattru tieghu kif jirrizulta mix-xhieda ta' l-attrici li tghid li l-vjolenza fuqha fuqha bdiet mill-bidu nett taz-zwieg.

Illi mill-provi rrizulta wkoll li wara s-separazzjoni de facto bejn il-partijiet il-konvenut qabad hbiberija partikolari ma' persuna tas-sess feminili, identifikata b' isimha mill-partijiet. Din il-hbiberija tikkwalifa bhala offiza gravi fil-konfront ta' martu, ghalkemm il-provi f' dan ir-rigward ma jwasslux ghal prova sodisfacenti ta' l-adulterju allegat mill-attrici.

Illi minn naha tieghu l-konvenut jattribwixxi bhala fattur kontributorju ghal-firda l-fatti allegati minnu li l-attrici kellha l-vizzju tal-loghob "bla razan" u wkoll implika li kienet ikkommettiet adulterju ma' diversi rgiel. Il-Qorti tosserva li l-konvenut ma gab ebda xintilla ta' prova in sostenn ta' dak minnu allegat, u ghalhekk dawn l-allegazzjonijiet tieghu ghandhom jigu skartati.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehma li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minhabba eccessi, sevizzi u offizi gravi da parti tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici u ta' uliedhom, u ghalhekk ghandhu jinstab unikament hati tal-firda; bil-konsegwenzjali dekadenza kontemplata fl-artikolu 48[1] b' referenza ghall-artikolu 51 tal-Kap.16 u dan in vista tal-gravita' tal-komportament abusiv tieghu u l-effetti konsegwenzjali serji li dan kellu, mhux biss fuq martu izda anke fuq uliedhom.

**Kura u Kustodja**

Illi bla dubju ta' xejn huwa fl-interess tal-minuri li l-kura u kustodja taghom tigi fdata esklussivament f' idejn l-attrici. Rigward l-access tal-konvenut ghat-tfal, il-Qorti tosserva li, apparti mill-fatt li l-konvenut fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu rrinunzja ghall-access "sakemm [it-tfal] jikbru u jibdew jahsbu b' mohhom" u tenut kont tas-suggerimenti tal-psikolga u tal-psikoterapisa, l-access m' ghandu jinzamm qabel ma jigi accertat minn professjonisti kompetenti li dan ma jkunx ta' hsara ghalihom, u ghandu jigi esercitat that ir-rakkomandazzjonijiet maghmula mill-istess professjonisti.

**Manteniment**

Illi, ghalkemm il-konvenut bhala l-parti unikament hatja tal-firda ghandu l-obbligu li jivversa manteniment lill-attrici ghaliha, u anke ghal uliedhom, mill-provi jirrizulta li rebus sic stantibus il-konvenut ma jahdmix u jghix bl-assistenza socjali, u ghalhekk f' dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ser tillimita ruhha ghal dikjarazzjoni gudizzjarja ta' affermazzjoni tad-dritt ta' l-attrici li, appena l-konvenut jibda jahdem, huwa ghandu jivversa manteniment adegwat u proporzjonat fic-cirkostanzi, ghaliha u ghal uliedhom.

**Kommunjoni ta' l-akkwisti**

Illi mill-provi ma jirrizultax li hemm assi fil-kommunjoni, la mobbi u lanqas immobbli, izda jirrizulta biss passiv, konsistenti f' dejn ta' circa Lm3,371.94 mal-Bank of Valletta, u arretrati ta' taxxa mad-dipartiment tat-Taxxi Interni fl-ammont ta' circa 600; inoltre l-attrici hija kreiditrici tal-kommunjoni fl-ammont ta' Lm2,600 prezz ta vettura li nxtrat minnha qabel iz-zwieg u li nbieghet matul iz-zwieg.

Illi fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut iddikjara li huwa mhuwiex interessat fl-oggetti li ghandha fil-pussess taghha l-attrici u dan sabiex jistghu jgawduhom uliedu.

**Assenjazzjoni**

Fic-cirkostanzi hija gusta s-segwenti assenjazzjoni: id-dejn ezistenti mal-Bank of Valletta u mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni qed jigi assenjat lill-konvenut li allura huwa unikament responsabbli ghalih; u dan ukoll bhala kumpens sabiex jaghmel tajjeb ghal kreditu li huwa dovut lill-attrici mill-kommunjoni, u ghall-ispejjez li l-attrici nefqet u qeda tonfoq fit-trobbija tal-minuri li ghalihom il-konvenut ma jivversa ebda manteniment.

Inoltre, il-Qorti tordna li kull dejn iehor ezistenti u li sar minghajr il-kunsens ta' l-attrici ghandu jibqa' esklussivament a kariku tal-konvenut. L-oggetti mobbli kollha li jinsabu fil-pussess ta' l-attrici qed jigu assenjati lilha.

**Eccezzjonijiet preliminari**

Illi rigward l-ewwel eccezzjonijiet li huma ta' natura procedurali, il-Qorti tosserva li, mill-atti ma jirrizultax li, l-konvenut ottempera ruhhu mad-disposizzjonijiet tal-Kap.189 u senjatament l-artikolu 5. Inoltre, il-konvenut ma baqax jinsisti li l-proceduri jsiru bil-lingwa Ingliza u ghalhekk ma saret ebda dikjarazzjoni da parti ta' l-attrici sabiex taghti lok ghall-applikazzjoni ta' l-artikolu 2[a]. Apparti dan kollu, minn nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-istess konvenut jirrizulta car li dan kien ampjament konxju tal-kontenut tac-citazzjoni. In vista tal-premessi konsiderazzjonijiet il-Qorti tiddikjara bhala nfondata u legalment insostenibbli l-eccezzjoni tan-nullita'

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' talbiet attrici kif ser jinghad: tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut, u

[1] tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet unikament

imputabbli lill-konvenut fit-termini ta’ l-artikolu 40 tal-Kap.16; u konsegwentement tapplika fil-konfront tieghu d-dispost ta’ l-artikolu 48[1] tal-Kap.16;

[2] tilqa’ it-tieni talba u tafda l-kura u kustodja tal-minuri esklussivament f’ idejn l-attrici ; bid-dritt ta’ access favur il-missier fil-parametri tal-konsiderazzjonijet maghmula minn din il-Qorti taht l-intestatura ‘Kura u Kustodja’;

[3] tilqa’ t-tielet talba limitatament kif fuq indikat taht l-intestatura ‘Manteniment’ u tafferma d-dritt ta’ l-attrici li titlob minghand il-konvenut manteniment adegwat u proporzjonat fil-kaz li dan jibda jaghmel xoghol bi qligh;

[4] tilqa’ ir-raba talba u tiddikjara xjolta l-kommunjoni ta’ l-akkwisti b’ effett mid-data ta’ din is-sentenza;

[5] tilqa’ il-hames u s-sitt talba fit-termini tal-kontenut tal-paragrafu intestat ‘assenjazzjoni’ fuq indikat; izda tiddikjara li fic-cirkostanzi mhuwiex mehtiega n-nomina ta’ Nutar pubbliku;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------